MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Numru. 1071/2005

Il-Pulizija
(Sp Daryl Borg)
vs
Alexander Anthony Gialanze Whiteford, iben Alexander, imwieled l-Ingilterra fid-29 ta’ Novembru, 1982, karta ta’ l-identita numru 44501L

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat:
1. talli fis-16 ta’ Ottubru, 2005 għal ħabta tas-6.00 p.m. fil-Ħamrun, b’diversi atti magħmulin b’risoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta’ CD Stereo Roadstar, mill-vettura tal-għamla FIAT, bin-numru tar-reġistrazzjoni EBD 635, liema valur ta’ dan l-oġġett jeċċedi l-għaxar liri maltin (Lm10) iżda ma jeċċedix il-mitt lira maltin (Lm100), liema serq hu kkwalifkat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa u dan għad-dannu ta’ Brian Attard;

2. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, meta għamel ħsara fuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni EBD 635 u fuq aċċessorji tagħha għad-dannu ta' Brian Attard, liema ħsara teċċedi l-ħamsin liri maltin (Lm50) iżda ma teċċedix il-ħames mitt lira maltin (LM500);
3. talli fis-16 ta' Ottubru, 2005 u/jew fix-xhur ta' qabel, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
4. talli sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi ma jistgħux jiġu mħassra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Ġunju, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha. Rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(f)(g), 263, 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tnax il-xahar priġunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------